Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 23 ta' Settembru 2022**
**(OR. en)**

**12620/22**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0035(COD)**

**CODEC 1332**
**PECHE 334**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/833 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fis-16 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni baghtet lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 43(2) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-23 ta' Marzu 2022[2].

3. Fit-13 ta' Settembru 2022, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet dwar l-aċċettazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[3].

[1] 6272/22.
[2] ĠU C 290, 29.7.2022, p. 149–150.
[3] 12359/22.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE- CONS 34/22, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

5. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

   Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.